



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.9.2013
COM(2013) 628 final

This document was downgraded/declassified
Date 5.2.2019
By R. VAN DER VLIES
Authority DG RTD

Rakkomandazzjoni għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati dwar ftehim komprensiv dwar il-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Konfederazzjoni Svizzera li jassoċja lill-Konfederazzjoni Svizzera mal-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni - Orizzont 2020 (2014-2020) u mal-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (2014-2018) li jikkomplementa l-programm Orizzont 2020, u li jirregola l-parteċipazzjoni tal-Isvizzera fil-proġett tal-ITER tul l-2014 sal-2020

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI1.

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

Permezz ta' ittra tas-7 ta' Marzu 2011 il-Konfederazzjoni Svizzera (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Isvizzera") esprimiet l-interess tagħha li tkun assoċjata mal-programm.

L-Isvizzera tidher li tissodisfa l-kriterji għall-assoċjazzjoni deskritti fl-Artikolu 7 tal-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni - Orizzont 2020 (2014-2010)¹ u fl-Artikolu 5 tal-Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (2014-2018) li jikkomplementa Il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni - Orizzont 2020² rispettivament.

L-Isvizzera ilha assoċjata mal-Programmi Qafas tal-UE għall-Iżvilupp Xjentifiku u Teknoloġiku sa mill-2004. L-assoċjazzjoni Svizzera fil-Programmi Qafas tal-UE swiet ta' ġid għall-UE peress li żiedet il-kooperazzjoni fil-qasam tar-riċerka bejn l-entitajiet tal-Unjoni Ewropea u dawk tal-Isvizzera, b'mod partikolari fl-oqsma tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, tas-saħħa u tan-nanoxjenzi. L-Isvizzera hija wkoll sieħba attiva fl-inizjattivi tal-Artikolu 185 u tikkontribwixxi b'mod finanzjarju għalihom. Bil-laboratorji u l-istituti tajbin ħafna tagħha fil-qasam tal-fissjoni u tal-fużjoni, l-Isvizzera hija meqjusa bħala sieħba eċċellenti u li tokkupa pożizzjoni importanti fir-riċerka tal-Euratom.

Dan l-aħħar, l-Isvizzera assoċjat ruħha mas-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013), abbażi tal-Ftehim dwar Kooperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, fuq naħa, u l-Konfederazzjoni Svizzera, fuq l-oħra³.

L-Isvizzera hija l-uniku pajjiż terz assoċjat mal-programm kollu tar-riċerka tal-Euratom. Hija ilha assoċjata mal-qasam tematiku tal-fużjoni tal-programmi qafas tal-Euratom sa mill-1979, abbażi tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika u l-Konfederazzjoni Svizzera fil-qasam tal-fużjoni termonukleari kkontrollata u l-fiżika tal-plazma⁴ tal-1978. Skont l-Artikolu 19(2) tiegħu, dan il-Ftehim jiġi estiż b'mod taċitu skont id-deċiżjonijiet sussegwenti dwar il-programmi meħudin mill-Euratom.

L-assoċjazzjoni Svizzera fil-parti tal-fissjoni tal-programm ta' qafas tal-Euratom u tal-attivitajiet nukleari taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka hija rregolata abbażi tal-Ftehim dwar il-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Svizzera, min-naħa l-oħra, li jassoċja l-Konfederazzjoni Svizzera mal-Programm Qafas tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika għall-attivitajiet

¹ COM(2011)809/3.

² COM(2011)812/3.

³ ĠU L 189, 20.7.2007, p. 26.

⁴ ĠU L 242, 4.9.1978, p. 2.

ta' riċerka nukleari u ta' taħriġ (2012-2013) li daħal fis-seħħ fit-12 ta' Diċembru 2012 u se jkompli japplika sal-31 ta' Diċembru 2013.

Il-ftehim il-ġdid bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa, u l-Isvizzera, min-naħa l-oħra, għandu jiġbor flimkien f'qafas wieħed u jirregola b'mod komprensiv it-termini u l-kundizzjonijiet tal-assoċjazzjoni Svizzera mal-programm Orizzont 2020 u mal-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom li jikkomplementa l-programm Orizzont 2020, u l-parteċipazzjoni Svizzera fil-proġett tal-ITER matul l-2014 sal-2020. Għaldaqstant, għandu jkun is-suċċessur tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar il-Fużjoni tal-1978 u għandu jissostitwixxi. Hemm diversi raġunijiet għal dan.

Is-sistema attwali ta' ftehimiet multipli li jassoċjaw lill-Isvizzera mal-UE u mal-Programmi Qafas tal-Euratom mhijiex trasparenti. L-assoċjazzjoni Svizzera mal-Programm Qafas tal-Euratom, li hija maqsuma bejn żewġ ftehimiet differenti, tista' twassal potenzjalment għal sitwazzjoni fejn l-Isvizzera tkun assoċjata ma' parti biss mill-Programm Qafas tal-Euratom.

It-terminoloġija użata fil-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar il-Fużjoni tal-1978 hija antikwata u ma tikkorrispondix aktar mal-istrumenti ta' finanzjament proposti mill-Kummissjoni fil-Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (2014-2018) li jikkomplementa Il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni - Orizzont 2020⁵.

Bil-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar il-Fużjoni, l-Isvizzera tibbenefika minn formola finanzjarja aktar preferenzjali għall-kontribuzzjonijiet għall-attivitajiet tal-Fużjoni skont il-Programm tal-Euratom minn dik applikata għall-bqija tal-Programm tal-Euratom jew għall-Programm Qafas tal-UE. Din il-formola preferenzjali tingħata lill-Istati tal-EFTA taż-ŻEE fir-rigward tal-assoċjazzjoni tagħhom mal-Programm Qafas tal-UE skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea. L-Isvizzera għażlet li ma tissehbi maż-Żona Ekonomika Ewropea. Il-formola applikabbli għall-kontribuzzjonijiet Svizzeri skont il-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar il-Fużjoni qatt ma ġiet riveduta billi dan il-Ftehim jiġi estiż b'mod taċitu għall-Programmi Qafas tal-Euratom sussegwenti. It-termini u l-kundizzjonijiet tal-assoċjazzjoni Svizzera skont il-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar il-Fużjoni għandhom jiġu nnegozjati mill-ġdid.

Għalhekk, għall-finijiet taċ-ċarezza u tas-simplifikazzjoni, huwa mixtieq li l-assoċjazzjoni tal-Isvizzera mal-UE u mal-Programmi Qafas tal-Euratom u mal-proġett tal-ITER tiġi rregolata fi ftehim wieħed komprensiv.

Minbarra li jistabbilixxu formola waħda jew mekkaniżmu wieħed għall-kalkolu tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Isvizzera għall-programmi u għall-ITER, in-negozjati dwar ftehim ġdid jipprovdu l-possibbiltà li jiddaħħal mekkaniżmu ġdid li permezz tiegħu jkun jista' jkun hemm analiżi, wara tliet snin, tal-implimentazzjoni tal-Ftehim, li tkun tinkludi valutazzjoni mill-ġdid tal-kontribuzzjoni finanzjarja għall-programmi. L-għan huwa li din il-klawżola ta' reviżjoni tiddaħħal fil-ġejjieni għall-pajjiżi terzi kollha assoċjati mal-programmi qafas.

⁵ COM(2011)812/3.

Il-Ftehim il-ġdid mhux se jiġi konkluż qabel l-adozzjoni tal-programm Orizzont 2020, tal-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom li jikkomplementa l-programm Orizzont 2020 u tad-deċiżjoni ta' finanzjament dwar il-proġett tal-ITER (għall-2014 sal-2020). Il-Ftehim il-ġdid għandu jipprevedi l-applikazzjoni provviżorja tiegħu mill-1 ta' Jannar 2014 'il quddiem.

Madankollu, l-iffirmar tal-Ftehim ġejjieni li jirriżulta minn dawn in-negozjati se jiddependi mir-riżultat sodisfaċenti tad-diskussjonijiet li għaddejjin bħalissa dwar bosta kwistjonijiet pendent marbutin mar-relazzjonijiet ġenerali bejn l-UE u l-Isvizzera, b'mod partikolari dwar l-iffirmar, min-naħa tal-Isvizzera, tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar il-GNSS (is-Sistema Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita). Barra minn hekk, il-ftehim il-ġdid għandu jistipula t-terminazzjoni awtomatika tiegħu f'każ li jiġi tterminat il-Ftehim bejn l-UE u l-Isvizzera dwar il-Moviment Liberu tal-Persuni u jekk l-Isvizzera ma tibgħatx in-notifika li hija meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tal-protokoll għall-estensjoni tal-Ftehim dwar il-Moviment Liberu tal-Persuni mal-Isvizzera għall-Kroazja fi żmien sitt xhur minn meta jitlestew il-proċeduri interni tal-Isvizzera.

Għalkemm hemm kwistjonijiet oħrajn marbutin mar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Isvizzera, it-terminazzjoni awtomatika hija marbuta mal-Ftehim dwar il-Moviment Liberu tal-Persuni (FMLP) u mal-protokoll li jestendih għall-Kroazja, billi dan il-ftehim għandu l-iktar impatt dirett u fil-fond fuq il-ħajja taċ-ċittadini tal-Istati Membri tal-UE.

2. L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

Ir-rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill tissejjes fuq l-Artikolu 218(3) u (4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u fuq l-Artikolu 101 tat-Trattat tal-Euratom.

Fid-dawl ta' dan kollu, il-Kummissjoni tirrakkomanda lill-Kunsill jawtorizza lill-Kummissjoni tinneogħja, skont l-Artikolu 218(3) u (4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u skont l-Artikolu 101(2) tat-Trattat tal-Euratom, ftehim komprensiv mal-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Svizzera, min-naħa l-oħra, li jassoċja lill-Konfederazzjoni Svizzera mal-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni - Orizzont 2020 (2014-2020) u mal-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (2014-2018) li jikkomplementa l-programm Orizzont 2020, u li jirregola l-partekipazzjoni tal-Isvizzera fil-proġett tal-ITER tul l-2014 sal-2020.

Rakkomandazzjoni għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati dwar ftehim komprensiv dwar il-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Konfederazzjoni Svizzera li jassoċja lill-Konfederazzjoni Svizzera mal-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni - Orizzont 2020 (2014-2020) u mal-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (2014-2018) li jikkomplementa l-programm Orizzont 2020, u li jirregola l-parteċipazzjoni tal-Isvizzera fil-proġett tal-ITER tul l-2014 sal-2020

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 218(3) u (4) tiegħu;

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari t-tieni paragrafu tal-Artikolu 101 tiegħu;

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni;

Billi għandhom jinfetħu negozjati bil-ħsieb li jintlaħaq ftehim komprensiv dwar il-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Konfederazzjoni Svizzera li jassoċja lill-Konfederazzjoni Svizzera mal-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni - Orizzont 2020 (2014-2020) u mal-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (2014-2018) li jikkomplementa l-programm Orizzont 2020, u li jirregola l-parteċipazzjoni tal-Isvizzera fil-proġett tal-ITER tul l-2014 sal-2020,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kummissjoni b'dan hija awtorizzata tinneogzja, fisem l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, ftehim komprensiv dwar il-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Konfederazzjoni Svizzera li jassoċja lill-Konfederazzjoni Svizzera mal-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni - Orizzont 2020 (2014-2020) u mal-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (2014-2018) li jikkomplementa l-programm Orizzont 2020, u li jirregola l-parteċipazzjoni tal-Isvizzera fil-proġett tal-ITER tul l-2014 sal-2020.

Artikolu 2

Id-direttivi ta' nnegożjar huma stipulati fl-Anness.

Artikolu 3

In-negożjati għandhom jitwettqu b'konsultazzjoni ma' [isem il-kumitat speċjali, li għandu jiddaħħal mill-Kunsill].

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*

ANNEX

DIRETTIVI GĦAN-NEGOZJAR TA' FTEHIM BEJN l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Konfederazzjoni Svizzera li jassoċja lill-Konfederazzjoni Svizzera mal-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni - Orizzont 2020 (2014-2020) u mal-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (2014-2018) li jikkumplementa l-programm Orizzont 2020, u li jirregola l-parteċipazzjoni tal-Isvizzera fil-proġett tal-ITER tul l-2014 sal-2020

1. Il-ftehim għandu jistipula l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera mal-Programm Qafas kollu għar-Riċerka u l-Innovazzjoni - Orizzont 2020 (2014-2020) u mal-Programm kollu ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom (2014-2018) li jikkumplementa l-programm Orizzont 2020 skont ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni fil-programm Orizzont 2020 u fil-Programm Qafas tal-Euratom (2014-2018) u t-tixrid tagħhom. Il-Ftehim għandu jirregola wkoll il-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera fil-Proġett tal-ITER tul l-2014 sal-2020. Il-Ftehim komprensiv il-ġdid għandu jkun is-suċċessur tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar il-Fużjoni tal-1978 u għandu jissostitwixxi.
2. Sabiex il-Konfederazzjoni Svizzera tkun tista' tipparteċipa kemm jista' jkun malajr fl-UE u fil-Programm Qafas kollu tal-Euratom, kif ukoll fil-Proġett tal-ITER bħala pajjiż assoċjat, il-Ftehim għandu jistipula l-applikazzjoni provviżorja tiegħu sa mill-1 ta' Jannar 2014 'il quddiem.
3. Il-Kummissjoni għandha tagħmel l-almu tagħha biex fil-Ftehim il-ġdid tinkludi regoli uniformi li jkunu japplikaw għall-kalkolu tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Isvizzera għall-programmi tal-UE u tal-Euratom u għall-proġett tal-ITER. Il-Ftehim il-ġdid għandu jkun fih klawżola li tippermetti analiżi tal-implimentazzjoni tiegħu, li tkun tinkludi valutazzjoni mill-ġdid tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Isvizzera għall-programmi.
4. Il-Ftehim għandu jistipula l-protezzjoni x-xierqa tal-interessi finanzjarji tal-UE u tal-Euratom u jkun ikopri l-komunikazzjoni tad-dejta finanzjarja, il-verifiki u l-investigazzjonijiet amministrattivi fuq il-post kontra l-frodi, l-għajnuna amministrattiva u l-irkupru tal-flus. Safejn ikun meħtieġ, il-Ftehim għandu jara wkoll li jkun hemm eliminazzjoni tal-ostakli marbutin mat-tassazzjoni u mas-sigurtà soċjali li jirriżultaw mill-parteċipazzjoni transkonfinali tar-riċerkaturi fi proġetti tar-riċerka skont il-Ftehim, b'mod partikolari għall-persunal taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, li jaqa' taħt ir-regolamenti tal-persunal tal-Unjoni Ewropea.
5. Il-Ftehim għandu jistipula t-terminazzjoni awtomatika tiegħu f'każ li jiġi tterminat il-Ftehim bejn l-UE u l-Isvizzera dwar il-Moviment Liberu tal-Persuni.
6. Il-Ftehim ma għandux jibqa' japplika jekk l-Isvizzera ma tibgħatx in-notifika meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tal-protokoll għall-estensjoni tal-Ftehim dwar il-

Moviment Liberu tal-Persuni mal-Isvizzera għall-Kroazja fi żmien sitt xhur minn meta jitlestew il-proċeduri interni tal-Isvizzera.